SAN GILJAN

# Kunsill Lokali San Ġiljan

Triq Forrest, San Ġiljan, STJ 12,
Tel : 21373111 Fax : 21373444
e-mail: sangiljan.lc@gov.mt

Rif Minuti 19/K5/06

**Nru. tal-laqgħa minn 07/04/'94 – 27/07/'06** **208**

**Nru. ta' seduti minn 07/04/'94 – 27/07/'06** **261**

**1. Introduzzjoni**

1.01 Minuti tal-Laqgħa li saret nhar il-Ħamis 27 ta' Lulju 2006.

1.02 Il-Kunsill iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu, Triq Forrest, San Ġiljan, fis-2.00 p.m.

1.03 Preżenti: Seba' membri tal-Kunsill flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv Helen Walker u l-Iskrivana Lindsay Debattista.

1.04 Kien hemm preżenti ukoll l-Accountant tal-Kunsill is-Sur Louis Padovani.

**1.1 Talba**

1.1.01 Inqrat it-talba.

**1.2 Aġenda**

1.2.01 Il-Kunsill mexa fuq l-avviż li ġie ppublikat fil-21 ta' Lulju 2006. L-Aġenda kienet hekk:-

1. Approvazzjoni ta' Minuti
2. Korrispondenza
3. Management Letter
4. Rapport Annwali Amministrattiv
5. Rapport Finanzjarju sat-30 ta' Ġunju 2006
6. Jum San Ġiljan
7. Residential Parking Scheme
8. Approvazzjoni għall-Pagamenti tal-Kontijiet
9. Approvazzjoni ta' Purchase Request Sheets

**1.3 Approvazzjoni ta' Minuti**

1.3.01 Iċ-Chairman Peter Bonello ressaq il-Minuti 18/K5/06 għall-approvazzjoni.

1.3.02 Il-Kunsillier Norman Vella ppropona l-approvazzjoni tal-Minuti 18/K5/06.

1.3.03 Il-Kunsillier Richard Scicluna ssekondah.

1.3.04 Il-Kunsill qabel unanimament.

**1.4** Saret sospensjoni tar-regolamenti sabiex jiġu diskussi items 3, 4 u 5 qabel item 2.

**1.5** Ma kienx hemm oġġezzjoni.

**1.6** Il-Kunsillier Edgar Montanaro wasal fis-2.05 p.m.

**3. Management Letter**

3.01 Il-Kunsill ġie ppreżentat b'kopja tal-Management Letter u l-azzjoni li ser tittieħed fuqha permezz ta' ittra Rif. K730/62&157/06 (Ara Appendiċi 'A').

3.02 L-Accountant tal-Kunsill is-Sur Louis Padovani flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv Helen Walker taw spjegazzjoni.

3.03 Il-Kunsillier David Borg wasal fis-2.15 p.m.

3.04 Rigward l-IT Support Service ġie deċiż unanimament li jerġa jsir kuntratt ma' Deloitte & Touche peress li l-offerta tagħhom hija l-aktar waħda vantaġġjuża.

3.05 Wara diskussjoni qasira l-Kunsillier Edgar Montanaro ppropona l-approvazzjoni tar-risposta għall-Management Letter u vvota vot ta' fiduċja fl-Accountant tal-Kunsill is-Sur Louis Padovani u s-Segretarju Eżekuttiv Helen Walker.

3.06 Is-Sindku Peter Bonello ssekondah.

3.07 l-Kunsill qabel unanimament.

3.08 Is-Segretarju Eżekuttiv Helen Walker u l-Accountant tal-Kunsill is-Sur Louis Padovani rringrazzjaw lill-Kunsill.

**4. Rapport Annwali Amministrattiv**

4.01 Iċ-Chairman Peter Bonello ressaq ir-Rapport Annwali Amministrattiv 2005/06 għall-approvazzjoni. (Ara Appendiċi 'B')

4.02 Wara diskussjoni qasira l-Kunsillier Karl Gouder ippropona l-approvazzjoni tar-Rapport Annwali Amministrattiv 2005/06.

4.03 Il-Kunsillier David Borg issekondah.

4.04 Il-Kunsill qabel unanimament.

**5. Rapport Finanzjarju sat-30 ta' Ġunju 2006**

5.01 Il-Kunsill ġie ppreżentat b'kopja tar-Rapport Finanzjarju sat-30 ta' Ġunju 2006 (Ara Appendiċi 'Ċ').

5.02 L-Accountant tal-Kunsill is-Sur Louis Padovani u s-Segretarju Eżekuttiv Helen Walker taw spjegazzjoni tar-rapport u ġibdu l-attenzjoni tal-Kunsill li hemm ċerti voti li fihom varjanza fuq in-nefqa bejn l-estimi u l-attwali, speċjalment vot nru. 2311. Għalhekk inġibdet l-attenzjoni tal-Kunsill sabiex iżomm aktar ma' l-estimi u jkun aktar kawt fid-deċiżjonijiet li jittieħdu u fin-nefqa li ssir. Il-Kunsill ġie nfurmat li jekk ser jibqa' ikun hemm din il-varjazzjoni bejn in-nefqa ta' l-estimi u l-attwa, il-Kunsill ser ikun f'sitwazzjoni negattiva sa l-aħħar tas-sena finanzjarja.

5.03 Il-Kunsillier Norman Vella ppropona l-approvazzjoni tar-Rapport Finanzjarju sat-30 ta' Ġunju 2006.

5.04 Il-Kunsillier Karl Gouder issekondah.

5.05 Il-Kunsill qabel unanimament.

5.06 Il-Kunsill irringrazzja lis-Sur Louis Padovani u lis-Segretarju Eżekuttiv.

5.07 Is-Sur Louis Padovani ġie skużat fit-2.40 p.m.

**2. Korrispondenza**

2.01 Fuq il-mejda tal-konferenza tqegħdet il-korrispondenza li nqrat miċ-Chairman Peter Bonello. Dawn huma: -

| Rif. Nru. | Korrispondenza |
|---|---|
| 3000 | Memo mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali rigward tnidija tas-servizz ġdid għall-anzjani – *message in a bottle.* |
| 3077 | Ittra mingħand id-Dipartiment tal-Bini u Tiswija ta' Djar rigward l-ilment li l-Kunsill kien bagħat fuq blokk F, Triq Jean Houel, San Ġiljan. |
| 3078 | Ittra mingħand il-Corinthia Hotels International rigward proposta sabiex issir grada ħdejn il-boathouses taħt il-Corintia Marina. |

3117 E-mail mingħand l-iStreet Cat Rescue rigward talba sabiex jinħatar Kunsillier biex tinħoloq kuxjenza fuq is-*stray cats*.

3120 Ittra mingħand is-Sinjura Irene Fenech rigward talba għal un/loading bay quddiem il-ħanut Big Bites, 58C, Triq Birkirkara, San Ġiljan.

3130 Ittra mingħand il-Malta Transport Authority rigward aċċess ta' triq ġdida f'Pender Place għal fuq area residentali.

3185 Ittra mingħand is-Sur Glenn Bugeja mill-kampanja 34U rigward siġar li ser jingħataw b'donazzjoni mis-Sur Maurice Portelli.

3207 E-mail mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali rigward il-pubblikazzjoni ta' Bye-Laws K.L.B.L. 52/2/2006 – Bye-Laws ta' l-2006 dwar Reklami fuq Għamara tat-Toroq (Kunsill Lokali San Ġiljan).

3302 & 3325 E-mails mingħand Schranz Ltd. rigward il-Kurridur Ekoloġiku f'Ta' Ġiorni.

**Fost l-ittri li nqraw ġew diskussi: -**

2.02 Rif. Nru. 3000

Saret riferenza għall-memo mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali rigward tnidija tas-servizz ġdid għall-anzjani – *message in a bottle.* Il-Kunsill wera li huwa nteressat li jipparteċipa.

2.03 Rif. Nru. 3078

B'riferenza għall-ittra mingħand il-Corinthia Hotels International rigward proposta sabiex issir grada ħdejn il-boathouses taħt il-Corinthia Marina ġie deċiż unanimament li ssir laqgħa 'on site' mas-Sur George Grech, Corporate Safety and Security Manager mal-Corinthia Hotels International qabel tittieħed xi deċiżjoni.

2.04 Ġie deċiż unanimament li tintbagħat ittra lill-Uffiċjal ta' l-Infurzar fi ħdan l-Awtorita' ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar, sabiex jiġi ċċekjat li kull fejn hemm lukandi mad-dawra tal-baħar f'San Ġiljan, jitħalla l-aċċess liberu sabiex il-pubbliku jkun jista jgħaddi mal-foreshore. Dan minħabba li l-Kunsill irċeva diversi lmenti li hemm xi lukandi li għalqu dan l-aċċess għall-foreshore għall-pubbliku.

2.05 Rif. Nru. 3117

Saret riferenza għall-e-mail mingħand l-iStreet Cat Rescue rigward talba sabiex jinħatar Kunsillier biex tinħoloq kuxjenza fuq is-*stray cats*.

2.06 Wara diskussjoni qasira l-Kunsill qabel unanimament li l-Kunsillier Edgar Montanaro jkun rapreżentant tal-Kunsill.

2.07 Rif. Nru. 3120

Saret riferenza għall-ittra mingħand is-Sinjura Irene Fenech rigward talba għal un/loading bay quddiem il-ħanut Big Bites, 58C, Triq Birkirkara, San Ġiljan. Ġie deċiż unanimament li tintbagħat ittra lin-Network Infrastruce Directorate sabiex jiġi rrakkomandat li jsir un/loading bay mid-9.00 a.m. sas-2.00 p.m. biex dan iservi għall-ħwienet li hemm fi Triq Birkirkara.

2.08 Rif. Nru. 3130

Saret riferenza għall-ittra mingħand l-Awtorita' ta' Malta dwar it-Trasport rigward laqgħa li saret bejn l-ADT l-iżviluppaturi ta' Pender Place u r-rappreżentant tal-Kunsill, dwar aċċess ta' triq ġdida f'Pender Place għal fuq area residenzjali. Il-Kunsillier Edgar Montanaro informa lill-Kunsill li saru diskussjonijiet mar-residenti, l-ADT u l-iżviluppaturi dwar dan l-aċċess minħabba li r-residenti qed joġġezzjonaw li tinfetaħ din it-triq iżda jippreveru li jsir landscaping.

2.09 Rif. Nru. 3185

Saret riferenza għall-ittra mingħand is-Sur Glenn Bugeja mill-kampanja 34U rigward siġar li ser jingħataw b'donazzjoni mis-Sur Maurice Portelli li ser ikollhom il-logo tad-Dean Hamlet Complex u ta' 34U campaign biex jitpoġġew fi qsari fuq il-promenade in-naħa tal-monument LOVE, wara Palazzo Spinola u f'entratura ta' Paceville. Wara diskussjoni qasira ġie deċiż unanimament li:

- L-Kunsill ma jsibx oġġezzjoni dment li jiġi provdut bid-daqs u 3D perspective tar-reklam u tal-qsari.
- l-Kunsill mhux ser jitlob l-ebda dritt ta' ħlas dment li l-manutenzjoni u t-tisqija ta' dawn il-qsari / siġar isir minnhom.
- f'każ li dawn jiġu mitluqa jew traskurati, l-Kunsill jkollu kull dritt li jneħħihom mingħajr avviż ieħor.

2.10 Rif Nri. 3302 u 3325

B'riferenza għall-e-mails mingħand Schranz Ltd. rigward il-proġett tal-Kurridur Ekoloġiku f'Ta' Ġiorni, il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni.
Ġie deċiż unanimament li l-kuntratur li qed iwaħħal it-tagħmir tal-playing field jiġi nfurmat biex issir bandla għall-persuni b'disabilta'.

**6. Jum San Ġiljan**

6.01 Iċ-Chairman Peter Bonello nfurma lill-Kunsill illi għal sena oħra konsekuttiva u b'kollaborazzjoni mal-Kumitat tal-Knisja ser tiġi organizzata il-maratona John Bugeja Memorial Athletics Road Race.

6.02 Il-Kunsill qabel unanimament li:

- għal Jum San Ġiljan tittela' attivita' tad-diving għat-tfal. Għaldaqstant il-Kunsilliera Edgar Montanaro u Norman Vella ser jiltaqgħu mas-sidien ta' l-aquatic sports li hemm fin-Neptunes u f'San Ġiljan Water Polo Clubs sabiex tinġabar aktar informazzjoni u jsiru l-arranġamenti meħtieġa.

- Meta jinfetaħ il-ġnien, li qed isir fi Spinola, issir serata / attivita' fejn jingħataw medalji f'ġieh San Ġiljan. Iċ-Chairman wera x-xewqa li l-Ex-Kunsillier John Agius ikun involut fir-rakkomandazzjonijiet għal dan l-għoti. Il-Kunsill ma sab l-ebda oġġezzjoni.

**7. Residential Parking Scheme**

7.01 Wara diskussjoni qasira rigward ir-Residential Parking Scheme ġie deċiż li:

- t-tabelli tar-Residents' Parking Scheme li hemm fi Triq il-Palm dawn temporanjament jitwaħħlu fuq in-naħa l-oħra tat-triq minħabba li din sfrundat.

- jitwaħħlu t-tabelli tar-Residential Parking Scheme fi Triq Dobbie u Triq is-Sajjieda.

- nhar it-Tnejn 31 ta' Lulju 2006 fis-12.30 p.m., il-Kunsilliera jilaqgħu sabiex issir draft tal-press release.

- nhar it-Tnejn 14 t'Awissu 2006, tibda fis-seħħ l-Iskema ta' Parkeġġ għar-Residenti.

- jinxtraw b'Lm100 arloġġi tal-parkeġġ għal-vetturi biex jingħataw bħala servizz lejn il-komunita'.

7.02 Il-Kunsillier David Borg ġie skużat fl-3.40 p.m.

**8 Approvazzjoni għall-Pagamenti tal-Kontijiet**

8.01 Iċ-Chairman Peter Bonello ressaq il-pagamenti għall-approvazzjoni (Ara Appendiċi 'D').

8.02 Il-Kunsillier Karl Gouder ippropona l-approvazzjoni għall-pagamenti tal-kontijiet.

8.03 Il-Kunsilliera Irene Borg issekondatu.

8.04 Il-Kunsill qabel unanimament.

## 9. Approvazzjoni ta' Purchase Request Sheets

9.01 Iċ-Chairman Peter Bonello ressaq il-Purchase Request Sheets min-numru 2083 sa l-2097 għall-approvazzjoni (Ara Appendiċi 'E').

9.02 Il-Kunsillier Norman Vella ppropona l-approvazzjoni tal-Purchase Request Sheets mill-2083 sa l-2097.

9.03 Il-Kunsillier Karl Gouder issekondah.

9.04 Il-Kunsill qabel unanimament.

9.05 Il-Kunsill ġie ppreżentat bl-istejjem li rċieva mingħand il-Contracts Manager kopja tagħhom bir-referenza 2926, 2927, 2928, 2929 u 2930/06 mehmuża (Ara Appendiċi 'F').

9.06 Wara diskussjoni qasira ġie deċiż unanimament li dawn kollha minbarra Rif. Nru. 2929 dwar kostruzzjoni ta' platform għal bus shelter jitħallew 'on hold'.

9.07 Il-Kunsillier Richard Scicluna talab kopja tal-kwotazzjonijiet ta' Triq il-Mediterran (2926) u ta' Triq Mikelangelo Caggiano (2928).

## 10. Materji Oħra

10.01 Saret sospensjoni tar-regolamenti sabiex jiġu diskussi materji oħra.

10.02 Ma kienx hemm oġġezzjoni.

10.03 Il-Kunsill għamel riferenza għall-Bye-Laws ta' l-2004 dwar Xorb f'Kontenituri tal-Ħġieġ fejn ġie deċiż unanimament li ssir emenda f'din il-Bye-Laws biex minflok **"MHUWIEX PERMESS IL-KONSUM FIT-TRIQ TA' XORB F'KONTENITURI TAL-ĦĠIEĠ"** din tiġi taqra **"MHUWIEX PERMESS IL-KONSUM TAX-XORB FIT-TOROQ".**

10.04 Il-Kunsill qabel ukoll li ssir laqgħa mal-pulizija sabiex tiġi nfurzata aktar din il-Bye Laws.

10.05 Iċ-Chairman Peter Bonello nfurma lill-Kunsill li:

- hu flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv attendew għal-laqgħa ta' konsultazzjoni li l-ADT għamlet dwar il-bridge Manwel Dimech. F'din il-laqgħa ġew nfurmati li huwa maħsub li x-xogħolijiet ser jibdew bejn Settembru u Ottubru 2006. Fl-ewwel fażi maħsub li

x-xogħol jibda fil-karreġġata li min-naħa ta' San Ġiljan sejjer għal Belt, filwaqt li l-karreġġata l-oħra ser tintuża għat-traffiku bħala two way, single lane. Jekk ma jkunx hemm il-komplikazzjonijiet, ix-xogħolijiet fuq il-proġett kollu maħsub li jieħu madwar sena sakemm jitlesta.

- l-Kunsill irċieva kont mingħand Saliba Bros. dwar xogħol li sar fuq id-dawl tal-ġnien f'Ta' Ġiorni, il-parti fejn kien responsabbli minnu l-kuntrattur Joe Vassallo tal-Bayswater. Minħabba li x-xogħol li sar kellu jsir mill-kuntrattur Joe Vassallo tal-Bayswater, u minħabba li s-Sur Vassallo verbalment informa lill-Kunsilliera Irene Borg sabiex il-Kunsill iqabbad electrician biex jagħmel ix-xogħolijiet meħtieġa u jħallas hu għall-ispejjeż, dan il-kont ser jintbagħat lis-Sur Vassallo biex jitħallas minnu.

10.06 Iċ-Chairman Peter Bonello għamel riferenza għal Cash Sale nru. 036838 datata 8 ta' Lulju 2006 għall-ammont ta' Lm7.01 mingħand Cemenstone Manufacturing Co. Ltd. Għalkemm din il-cash sale mhux indirizzata lill-Kunsill, il-Kunsill ser jivverifika dwarha. Madankollu l-Kunsill ġie mfakkar dwar il-proċeduri finanzjarji u li għandha tinħareġ works jew purchase order uffiċċjali mill-Kunsill għax-xogħolijiet meħtieġa.

10.07 Wara diskussjoni qasira il-Kunsillier Richard Scicluna nforma lill-Kunsill li x-xogħol kien sar fi Triq il-Knisja k/m Triq Paceville quddiem dar nru. 11, Triq il-Knisja, San Ġiljan.

10.08 Il-Kunsill qabel unanimament li għal din id-darba dan il-kont jitħallas. Il-Kunsillier Richard Scicluna għandu jikkonferma lill min għandu jsir il-pagament.

10.09 Il-Kunsillier Karl Gouder ġie skużat fl-3.45 p.m.

10.10 Ġie deċiż unanimament li:-

- jsiru il-marki fi Triq il-Wilġa k/m Triq Ball fejn saret ir-roadhump.

- Jitnaddaf l-area ta' Triq Andre' Maurois u jittella ċint.

- terġa titwaħħal tabella tan-'No Entry except for Un/oading' fuq ix-Xatt is-Sajjieda qabel tinżel in-niżla n-naħa ta' l-OKI-KO-KI.

- tiġi rranġata il-kantuniera tal-bankina fi Triq Ross bejn il-Padova Restaurant u l-Bottle Shop.

- Tintbagħat ittra lill-ADT sabiex qabel jibda x-xogħol fuq il-bridge jitneħħew it-traffic lights ta' quddiem il-Wembly, issir roundabout u jsiru żebra crossings għal pedestrians biex ma jkunx hemm konġestjoni tat-traffiku.

- Tintbagħat ittra lill-ADT u lill tal-White Taxes biex it-Taxi Stands li hemm fi Spinola jiġu mresqa l-fuq ħdejn il-Mc Donald's

- Jiġi rrakkomandat lill-ADT li jsiru żewġ road humps waħda fi Triq Birkirkara ħdejn l-Independent u l-oħra f'Telgħet B'Kara in-naħa ta' Dalli's Butcher .

- Jiġi rrakkomandat lill-ADT li jsiru ssir 'U'-shaped barrier quddiem Ta' Ġiorni Wolves minħabba li dan l-post jiffrekwentawh ħafna tfal.

- tintbagħat ittra lid-Dipartiment tal-Bini u Tiswijiet tad-Djar sabiex jsiru bit-tarmak il-passaġġi li hemm bejn Triq Lapsi u Triq William H. Prescott, bejn Triq William H. Prescott u Telgħet Birkirkara, Triq Eric Brokman, Triq Carlo S. Zabarella u Triq Hans Stumme.

10.11 Il-Kunsillier Norman Vella ġie skużat 4.05 p.m.

10.12 Il-Kunsilliera Irene Borg informat lill-Kunsill li fis-27 ta' Lulju 2006 ser torganizza bar-be-que, f'Awissu ser issir ħarġa għal kunċert jew isir bar-be-que u f'Settembru ser jiġi organizzat weekend break.

10.13 Il-Kunsillier Richard Scicluna talab kopja ta' l-ittra li l-Kunsill bagħat lil Muniċipju ta' Corfu.

10.14 Il-Kunsillier Richard Scicluna staqsa dwar is-sitwazzjoni ta' l-ġbir tas-swell tal-ħwienet u tar-ristoranti.

10.15 Iċ-Chairman infurmah li kien ser ikollu laqgħa mas-Segretarju Parlamentari l-Onorevoli Edwin Vassallo dwar dan.

10.16 Ġie deċiż unanimament li jintalab rapport mill-Perit ta' Sant and Mugliette dwar il-konsenturi u s-sitwazzjoni tal-bini ta' l-Uffiċċju tal-Kunsill.

10.17 Iċ-Chairman Peter Bonello għalaq il-laqgħa fil-4.30 p.m.

| | |
|---|---|
| Peter Bonello<br>Sindku | Helen Walker<br>Segretarju Eżekuttiv |